

Brussell, 28 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9734/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0113(NLE)

AELE 29
EEE 21
N 22
ISL 20
FL 36
MI 478
BUDGET 2

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Mejju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 238 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet. (Linja Baġitarja 04 03 01 03 - Sigurtà Soċjali)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 238 final.

Mehmuż: COM(2019) 238 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.5.2019
COM(2019) 238 final

2019/0113 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31
tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba'
libertajiet.**

(Linja Baġitarja 04 03 01 03 - Sigurtà Soċjali)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà ġuridika meħtieġa u l-omoġeneità tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jrid jintegra l-leġislazzjoni rilevanti kollha tal-UE fil-Ftehim ŻEE malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħha u jippermetti wkoll il-parteciċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fl-azzjonijiet jew il-programmi tal-UE li huma rilevanti għaż-ŻEE.

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar "kooperazzjoni foqasma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet". Dan huwa meħtieġ biex jippermetti lill-Istati taż-ŻEE-EFTA jipparteċipaw fil-programmi u fl-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mil-linji baġitarji tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-każ, l-iskop ta' din l-emenda huwa li tippermetti lill-Istati taż-ŻEE-EFTA (in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein) jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Unjoni rigward il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi, relatati mal-linja baġitarja 04 03 01 03, u mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam ta' politika

L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt anness huwa konsistenti għalkollox mal-għan tal-Ftehim ŻEE li jippromwovi t-tisħiħ kontinwu u bilanċjat tal-kummerċ u tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Partijiet Kontraenti b'kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni, u l-osservanza tal-istess regoli, bil-ħsieb li tinholq Żona Ekonomika Ewropea omoġenea.

• Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt hija wkoll konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-għan li tiġi protetta l-omoġeneità tas-suq intern tal-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 46 u 48 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu. L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94¹ dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tiġi adottata fisem l-Unjoni fir-rigward ta' Deċiżjonijiet bħal dawn, wara proposta mill-Kummissjoni.

• Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għar-raġuni li ġejja.

L-objettiv ta' din il-proposta, jiġifieri li tiġi żgurata l-omoġeneità tas-Suq Intern, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-effetti, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6–8

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tagħha.

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, l-istrument magħżul huwa Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ li jiżgura l-implimentazzjoni u t-tħaddim effettiv tal-Ftehim ŻEE. Għal dan il-għan jenħtieġ li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim ŻEE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-Istati taż-ŻEE-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-Linja Baġitarja 04 03 01 03 “Moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali u l-miżuri għall-migranti, inklużi l-migranti minn pajjiżi terzi”. L-ammont eżatt jiġi determinat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, ladarba dan l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill jiġi adottat.

5. ELEMENTI OĦRAJN

F'konformità mal-politika baġitarja tal-UE, kull parteċipazzjoni f'attività tal-UE tista' sseħħ biss wara li jitħallsu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji korrispondenti. Madankollu, f'konformità mal-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE, il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Istati taż-ŻEE-EFTA qed tasal kull sena sal-31 ta' Awwissu, wara s-sejħa tal-UE għal fondi stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea u ppreżentata lill-Istati taż-ŻEE-EFTA sal-15 ta' Awwissu.

Għalhekk, sabiex jimla l-vojt fiż-żmien bejn Jannar u Awwissu, l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt se jkun applikabbli b'mod retroattiv minn Jannar. B'dan il-mod, il-kontinwità tal-kooperazzjoni, kif previst fil-Ftehim ŻEE, tkun żgurata matul is-sena kalendarja kollha.

Ir-retroattività ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-persuni kkonċernati u tirrispetta l-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31
tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba'
libertajiet.**

(Linja Baġitarja 04 03 01 03 - Sigurtà Soċjali)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 46 u 48, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea², u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea³ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet.
- (4) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE fl-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea rigward il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-miżuri għall-migranti, inklużi l-migranti minn pajjiżi terzi.
- (5) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tkompli wara l-31 ta' Diċembru 2018.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni meħmuż,

² ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

³ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President